MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1410/2002/1

***Print Services Limited***

***Vs***

***Monarch Advertising Ltd***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) rappresentanti xoghol ta' *printing* maghmul mis-socjeta' attrici.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet illi s-socjeta' konvenuta dejjem irrikonoxxiet li hija debitrici lejn s-socjeta' attrici, illi inoltre meta giet interpellata hija effetwat pagament ta' erba' mitt lira (Lm400) senjatament fl-1 ta' Gunju 2002 u ghalhekk l-

ammont reklamat  ghandu jigi ridott skond il-ligi, illi finalment s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza odjerna stante illi meta giet interpellata effetwat pagament bilancjali kif intqal fuq.

Illi fil-verbal tas-seduta tat-3 ta' Lulju 2002, is-socjeta' attrici rriduciet it-talba taghha ghal sittt mitt lira (Lm600) u dana fid-dawl tat-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta.

Illi fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2002, is-socjeta' attrici ddikjarat illi thallset is-sorte tal-kawza, izda zammet ferm l-imghaxijiet u l-kap ta' l-ispejjez tal-kawza. Illi permezz ta' nota pprezentata fl-1 ta' Novembru 2002 is-socjeta' konvenuta ammettiet it-talba fir-rigward ta' l-imghaxijiet u l-kap ta' l-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

Illi mill-avviz tat-talba ntavolata mis-socjeta' attrici ma jirrizultax illi saret talba ghal hlas ta' l-imghaxijiet u l-anqas intalbet korrezzjoni fl-avviz f'dan is-sens.

Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza rigward l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici u dana fid-dawl tal-verbal ta' l-1 ta' Novembru 2002 peress illi llum l-mertu huwa ezawriet. Tiddikjara illi stante illi ma jirrizultax illi saret talba mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' l-imghaxijiet, ma tistax tigi kkundannata s-socjeta' konvenuta ghal hlas ta' l-istess u dana ghalkemm jirrizulta ammissjoni f'dan is-sens.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, in vista tan-nota ta' ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, ghandhom jigu sopportati interament mill-istess socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**